**ĦAL TARXIEN**

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2019

**SEDUTA NUMRU 82/07**
L-ERBGĦA 23 TA' MEJJU 2018 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali f'73 Triq Santa Marija, Tarxien.

Il-laqgħa bdiet fis-6:00pm.

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *PAWLU FARRUGIA* | *SINDKU* | |
| *KEITH DARMANIN* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | *WASAL FI 7:00PM* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *LUKE GENUIS* | *KUNSILLIER* | |
| *TRISTAN MERCIECA* | *AMBAXXATUR VOT16* | *SKUŻAT* |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

---

## AĠENDA

82.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
82.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
82.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
82.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
82.5 Jum Ħal Tarxien 2018;
82.6 Rapporti;
82.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 67/07;
82.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Sotto Kumitati;
82.9 Mozzjonijiet;
82.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

**TALBA**
**Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

## 82.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġijia

**i.** Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija f'din il-laqgħa. Ittri ta' Apoloġija

## 82.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Iffrmar tal-Minuti

**i.** Il-Minuti Nru. 81/2018 tat-Tlieta 17 ta' April 2018 ittieħdu bħala moqrija peress li kienu ċċirkulati minn qabel. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku Sur Paul Farrugia u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea.

## 82.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

**i** Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li fil-każ tal-Kuntrattur VELLA GROUP LTD, dan kien għadu kollox hekk kif kien irraporta fl-aħħar laqgħat. Pendenzi mal-Kuntrattur Vella Group Ltd

**i.i** Sadanittant s-Sindku qal li Jimmy Vella ta' VELLA GROUP kien sa dakinhar stess reġa cempel. Qal is-Sindku li kien reġa għal darb'oħra qallu li jekk ma jkollniex verifika tal-kontijiet mingħand il-Perit ma stajniex immexxu. Żied jispjega s-Sindku li pero diga konna għamilna pass mal-Accountant tal-Kunsill u dan għaliex dan ikkonfermalna l-ammont li hemm fil-kotba tal-Kunsill li jidhru li huma dovuti lill-VELLA GROUP LTD.

**i.ii** Kompla jispjega s-Sindku li l-problema kienet li konna għandna ma ltqajniex mal-Perit għaliex il-Perit kien għadu mhux jersaq lejn il-Kunsill. Żied jgħid li bħalissa konna qed nistennew il-verifika tal-Perit għal Triq Dejma. Perit Mintoff

**i.iii** Il-Kunsillier Lawrence Bonavia ssuġġerixxa li tintbgħat ittra legali fejn jiġi ndikat li kien ser jinżamm responsabbli u kien ser ibgħati l-konsegwenzi finanzjarji kollha relatati

**ii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fuq Triq Dun Karm Sant kien daħal ilment mingħand sid ta' garaxx li t-triq kienet qed tisfronda. Dwar dan l-ilment konna diġa għaddejna rapport lill-Awtoritajiet konċernati. Triq DunKarm Sant

**iii.** Rigward it-turf tal-ground 5 aside s-Sindku nforma lill-Kunsill li konna għadna qed nistennew risposta mingħand l-istess Cassar Ship Repair wara li s-Sur Cassar kien baqa' magħna li kellu jkellem lill-kumitat biex jara min kien qed jagħmel użu mill-ground bħala Tarxien Rainbows. Żied jgħid is-Sindku li dan wara li qed jintbgħatu r-reminders lill-istess Sur Tony Cassar. Turf tal-ground 5 aside

**iii.i** Il-Kunsillier Lawrence Bonavia ssuġerixxa li għandna nerġgħu nagħmluh systethic turf jew nagħmluh multi purpose ground. Is-Sindku talbu jidentifika jekk hux minn fondi tal-Kunsill. Is-Sur Bonavia wieġeb li wieħed seta' jikkonsidra li nissieħbu mas-Segretarjat għall-sports.

**iv.** Is-Sindku Paul Farrugia qal li fir-rigward tat-toroq Paola u Santa Marija, kien għadu kollox l-istess hekk kif kien irrapurtat fil-laqgħat preċedenti pero hu kull darba li jiltaqa' mal-Ministru kien qed jerġa jfakkru fuqhom. Garanziji – Triq Paola u Triq Santa Marija

**v.** Is-Sindku spjega li fir-rigward tal-inizjattiva li kull Reġjun kien ingħata €100,000 għall-asfaltar tat-toroq, peress li issa d-Dipt. Gvern Lokali kien għadda l-flus għand ir-Reġjun Xlokk, konna mxejna pass u dan għall-fatt li fl-aħħar sar meeting bejn is-Segretajru Permanenti, l-AKL, ir-Regjun Inizjattiva €100,000 kull Reġjun

Nofsinhar flimkien miegħu bħala President Reġjun Xlokk. Żied jispjega s-Sindku li waqt dan il-meeting huwa kien seħaq li bħalma l-Membri tar-Reġjun Nofsinhar kienu għamlu commitment mal-Kunsilli fi ħdanhom daqstant ieħor kien għamlu hu mal-Kunsilli membri fir-Reġjun Xlokk. Qal ukoll li jidher li wara dan il-meeting kien hemm żviluppi favorevoli.

**vi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna qed naffaċċjaw problemi kważi ta' kuljum minħabba rimi ta' skart mhux kif suppost fl-istess bring in sites kif ukoll mad-dawra tagħhom. Żied jispjega li sadanittant kien qed jipprova jagħmel arrnaġamenti mal-Cleansing Dept biex jeħduhomna u jisseperawh u dan għaliex il-Kuntrattur tal-Bring in sites ma setax jbattalhom peress li kien qed jgħid li dawn li skips kien fihom materjal ieħor għajr dak mitlub. Qal ukoll is-Sindku li d-Direttur tal-Cleansing Dept qallu li kien seta jagħtina spetturi li lilna jiswewna €20 p/hr u jagħmlu sorveljanza. Il-Kunsillier Lawrence Bonavia qal li ladarba joħorġu l-emendi fil-ligi tkun ħaġa tajba li jinħareġ fuljett informattiv fuq separzzjoni tal-iskart. Is-Sindku wieġbu li għalissa kien aħjar li wieħed jistenna li tiġi konkluża r-riforma tal-liġi u mmexxu minn hemm. *Espressjoni ta' Interess miż-żewġ Operaturi.*

**vii.** Rigward ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-Seg. Eżek. reġgħet infurmat lill-Kunsill li għal darb'oħra d-DLG kien reġa bgħat reminder dwar dan. *ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Seg. Eżek.*

**vii.i** Il-Kunsill għal darb'oħra qabel li jibqgħu mad-deċiżjoni li jistennew direzzjoni mingħand l-Assoċ. Kunsilli Lokali.

**viii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien għadu kollox l-istess hekk kif irrapurtat fil-laqgħa preċedenti dwar il-*bus shelter* ta' Triq Palma. Żied jgħid li l-AKL kienet bgħatet ir-rakkomandazzjonijiet tagħha dwar din il-materja. *Bus Shelter Triq Palma*

**ix.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien għadu qed jistenna li s-Sur Dennis Calleja jirkupra saħħtu qabel ma jkellmu ladarba x-xogħol fuq il-gazebo l-kbira biex jerġa jibda jopera minn ġewwa l-Gazebo. *Gazebo - Ġnien Veliko Turnovo*

**x.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fir-rigward tal-binja fi Triq San Mikiel li kienet qed tiġi allokata ġewwa l-konfini ta' Ħal Tarxien, wara li konna ktibna lill-Kummissjoni hekk kif kien irrapurtat fil-laqgħat preċedenti, konna għadna rċevejna biss li l-Kumm. Elettorali kienet ser tagħmel *site inspection*. *Blokka apaprtamenti ġodda fi Triq San Mikiel Fgura*

**xi.** Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li fir-rigward ta' madwar €22,000 bħala fondi li kien għad fadallu jieħu tal-proġett tal-ERDF 213 – *Sustainable Tourism in a Village of Culture* jidher li fl-aħħar konna wasalna għaliex kienet waslet konferma li ġew approvati li jitħallsu lilna. *Proġett ERDF213*

**xii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fir-rigward tal-ipproċessar tat-tender għax-xogħol relatat għall-Open Air Gym fi Ġnien Kurunell Mass, issa wasalna fil-fai li naħtru Bord ta' Aġġudikazzjoni. Il-Kunsillieri approvati kienu ser ikunu Sur Frans Agius, Ismael Dalli u Luke Genuis flimkien mas-Sindku bħala Chairman u s-Segretarju Eżekuttiv. *Tender - Ameljorament ta' Ġnien Kurunell Mass*

**xiii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna rċevejna lment sabiex jerġa jsir xi lqugħ fuq li stage ta' Triq Tarxien fejn kien hemm l-għassa dari'. Saret diskussjoni dwar dan u ġie deċiż li għalissa l-Kunsill kellu jistenna l-eżietu tat-tender li l-MPT kienet ħarġet. *Bus Shelter – Triq Tarxien*

**xiv.** Il-Kunsillier Ismael Dalli rraporta dwar l-applikazzjoni għall-bike racks fir- *Bicycle Racks*

raħal fejn qal li kien għadu qed jiġbor kwotazzjonijiet għal tip ieħor.

**xv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar it-talba tal-Kunsillier Frans Agius fil-laqgħa preċedenti sabiex il-Kunsill jerġa jikteb lill-Awtorita' tat-Turiżmu sabiex jinbidlu t-tabelli li jindikaw it-triq għat-tempji, din l-ittra kienet intbgħatet pero ma kienx għad kellna risposta. Ġie ukoll deċiż li jittieħdu ritratti u jerġgħu jintbgħatu mar-reminder. Jinbidlu t-tabelli li jindikaw it-triq għat-tempji

**xvi.** Fir-rigward tal-kuntratt ta' Ġbir ta' Skart Domestiku, is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien qed jiġi ppreparat id-dokument tal-offerti. Skart Domestiku

**xvii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien deher il-Qorti minħabba kumment fuq il-facebook nhar -il 15 ta' Mejju 2018. Waqt is-smiegħ tas-seduta l-avukat tal-akkużat talab jekk kienx biżżejjed li jitlob skuża fuq il-paġna tal-Kunsill fuq facebook. Din it-talba l-Magistrat ma aċċettahiex kompletament. Għalkemm approva li l-imputat jitlob skuża pubblika, xorta waħda ser ikompli bil-kawża u ddifferixxa għat-2 ta' Ottubru 2018. Kawża l-Qorti

*Il-Kunsillier Ismael Dalli wasal fi 7pm*

**xviii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna rċevejna diversi talbiet mingħand it-TM :- Taliet TM

- *1.5m Keep Clear Bay – Apt. Royal Chest Court, Triq Guzeppi Montebello;*
- *1.5m Keep Clear Bay - Tarxien Temples, Blk C, Mias 1, Triq Dun Karm Sant;*
- *1.5m Keep Clear Bay - 198 Triq Sorijiet;*
- *Single yellow line – tul naħa waħda ta' Triq Dun Gwann Mamo;*
- *Estensjoni ta' Reserved Parking - 230 Triq Sammat;*
- *UN/LOADING Bay – mhix approvata quddiem id-dar Australia, Triq Tempji Neolitiċi;*
- *UN/LOADING Bay – mhix approvata quddiem il-ħanut Sweethearts Confectionery, 29B Triq Paola;*
- Tneħħija ta' Reserved Parking Bays minħabba li m'għadx hemm il-bżonn tal-użu :-
    i. Sardinella, Triq Santa Marija
    ii. 147, Triq Sta Marija
    iii. 120, Triq Paola
    iv. 68K, Vjal Simmons

**xix.** Il-Kunsill iddiskuta dawn il-każi u ma sabx oġġezzjoni li dawn l-istess talbiet jiġu milqugħa.

**xx.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien daħal suggeriment dwar *traffic management* fl-area ta' Ġnien Kurunel Mas. Dan ir-resident kien qed jissuġġerixxi li Triq Dejma tigi kollha one way u min ikun irid jidħol lejn il-Bank HSBC jkun irid jinżel Kurunell Mas u jdur mar-roundabout u jidħol Triq Leonardu Abela u joħroġ għal Triq Żejtun u jkun jista jew idur għal Triq il-Kbira jew inkella jibqa sejjer dritt fi Triq Iż-Żejtun. Traffic Maangement – Area Ġnien Kurunell Mas

**xx.i.** Il-Kunsill iddiskuta dan is-suġġeriment u qabel li tigi mgħoddija lit-TM għal kunsiderazzjoni tagħhom.

**xxi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien hemm siġra fi Ġnien Ovidndoli li kienet Siġra – Ġnien Ovindoli

attakkata minn bejta naħal li dan jidher li kiela minn ġewwa u din is-siġra mietet u kienet ta' periklu li taqa'. Għaldaqstant ġie mqabbad il-kuntrattur biex jaqtagħha u kellna nqabbdu wkoll lil xi ħadd apposta biex jaqbad dawn il-bejta naħal.

**xxii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-kuntrattur REFAB Malta li kien qed jipprovdina bis-servizz ta' skips għal ġbir ta' ħwejjeġ kien ġab kuntratt fejn dan il-Kunsill jintrabat għal servizz miegħu biss. REFAB

**xxii.i** Saret diskussjoni fuq dan il-kuntratt u ġie deċiż li jridu jittranġaw xi punti filwaqt li kienu jridu jiżdiedu oħrajn. Il-Kunsillier Frans Agius qal li dan l-Kuntratt għandu jiġi mġedded sena b'sena, filwaqt li l-Kunsillier Lawrence Bonavia qal li l-frekwenza ta' tbattil tal-iskips għandha tkun skond il-bżonn u mhux darba f'ġimgħa kif dedotta.

**xxii.ii** Il-Kunsill unanimament qabel li dawn il-punti jitressqu għad-diskussjoni mal-Kuntrattur.

**xxiii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet waslet ittra mingħand Patri Mario Attard OFM sabiex jinnomina lil Fr Bertrand Vella għal Ġieh Ħal Tarxien bħala apprezzament tax-xogħol kbir u fejjiedi li jagħmel mal-pazzjenti fl-Isptar Mater Dei.. Suġġeriment għal Nominazzjoni

**xxiii.i** Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u qabel li jekk il-Kunsill jerġa jibda jorganizza Gieh Ħal Tarxien kien ser jikkunsidra din il-proposta. Pero sadanittant din it-talba kienet ser tibqa sospiża għal żmien indeterminat.

**xxiv.** Is-Sindku staqsa lill-Kunsill jekk kienux jaqblu li ladarba il-perit jivverifika ix-xogħol u l-kont tal-Kuntrattur Dimbros, dan jitħallas mill-ewwel mingħajr il-bżonn li nistennew laqgħa ? Il-Kunsill qabel unanimament. Verifka ta' Xogħol fi Triq Dejma mill-Perit Mintoff

## 82.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

**i.** Il-Viċi Sindku staqsa jekk fi żmien il-festa tal-Linja kienux ser jgħaddu minn fejn il-bus stops ta' biswiet il-knisja parrokkjali? Is-Sindku Paul Farrugia wieġbu li għalkemm din mhix responsabbilta' li taqa taħt il-Kunsill Lokali, huwa nfurmat li mill-Erbgħa 30 ta' Mejju sal-Ħadd 3 ta' Ġunju tal-linja suppost kienu ser jgħaddu minn Triq San Anard għal Triq Żejtun għal fejn il-knisja parrokkjali. Servizz tal-Linja għal Żmien il-Festa

**i.i** Il-Kunsillier Ismael Dalli offra li jipprepara posters sabiex jitwaħħlu mal-bus stops tal-akkwata msemmija sabiex il-pubbliku jkun infurmat bit-tibdil tad-direzzjoni.

**ii.** Il-Kunsillier Luke Genuis informa lill-Kunsill li l-Kuntrattur Dimbros ma kienx qed jaħdem skond il-permessi maħruġa mit-TM. Is-sur Genuis wera diversi ritratti fejn juru xi nuqqasijiet minn dan il-kuntrattur. Skond it-TM – il-Kuntrattur Dimbros ma ħadimx skond il-permessi maħruġa

**ii.i** Saret diskussjoni dwar din l-issue għaliex peress li jirriżulta li TM ħarġu lil dan il-kuntrattur diversi multi seta' jagħti l-każ li ma jinħarġulux iktar permessi sakemm jirranġa s-sitwazzjoni. Il-Kunsillier Frans Agius issuġġerixxa li nqabdu kumpanija li jagħmlu spezzjonijiet regolari u jagħtuna rapport dwar xi nuqqasijiet mil-kuntrattur waqt il-perjodu li jkun qed jaħdem ġewwa Ħal Tarxien. Il-Kunsill unanimament qabel li jitqabbdu dawn l-

uffiċċjali tas-sigurta'.

**82.5 Jum Ħal Tarxien 2018**

i. Is-Sindku ssuġerixxa li għal din is-sena wkoll tiġi ċċelebrata Jum Ħal Tarxien nhar il-Ħadd 24 ta' Ġunju 2018. Il-programm propost kien bħas-snin ta' qabel li jibda f'quddiesa fil-knisja parrokkjali, wara jitlaq korteo sa fejn il-monument tal-Vittmi tal-Gwerra fejn jitpoġġew kuruni mal-istess Monument u titla' l-bandiera ta' Ħal Tarxien. JĦT2018

ii. Il-Kunsill qabel unanimament mas-suġġeriment tas-Sindku u mal-programm kif imressaq minnu.

**82.6 Rapporti**

**i.** Ma kienx hemm x'jiġi rrapurtat.

**82.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**i.** Ġiet mressqa l-iSkeda ta' Pagamenti Nru.65/07. Din l-iSkeda ġiet approvata b'mod unanimu u ġiet iffirmata mis-Sindku, mis-Seg. Eżek. u minn żewġ Kunsilliera.

**82.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

Ma kienx hemm x'jiġi rrapurtat.

**82.9 Mozzjonijiet**

**i.** Ma kienx hemm Mozzjonijiet imressqa sa mhux iktar tard minn 6 ijiem mid-data ta' din il-laqgħa.

**82.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**i.** Il-laqgħa ntemmet fis-7:30PM.

**ii.** Laqgħa oħra ser tinżamm nhar it-Tnejn 11 ta' Ġunju 2018 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| ***(IFFIRMATA)*** | ***(IFFIRMATA)*** |
| **Kav. Paul Farrugia KLJ CMLJ** | **Sna. Antonella Galea** |
| **Sindku** | **Seg. Eżek** |